MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 42/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Illi s-socjeta' attrici topera negozju ta' kiri ta' djar ghall-skopijiet ta' akkomodazzjoni turistika.

Illi l-konvenuta ghamlet uzu minn dawn is-servizzi billi kriet minghand l-attrici l-appartament numru 51, Phase B, fil-Villagg tal-Fanal fil-limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex.

Illi ghadha dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tminja u erbghin lira Maltija (Lm448) rapprezentanti hlas ghall-provvista ta' dan is-servizzi.

Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet il-konvenuta naqset li thallas dan l-ammont.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici trid li l-konvenuta tkun ikkundannata thallas dan l-ammont flimkien ma' l-imghax mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas relattiv, l-ispejjes ta'

din il-kawza, l-ispejjes ta’ ittra interpellatorja mibghuta fl-20 ta’ Awwissu 2004 u 18 ta’ Ottubru 2004.”

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tal-llum, minghajr ma giebet ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra taghha fis-seduta tal-llum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm448 ammont dovut ghal usu ta’ servizzi kif specifikat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tal-20 ta’ Awwissu 2004 u tat-18 t’Ottubru 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------